Story Changers: Enhancing Pupils' Social Skills and Enriching Teaching Methods Through Storytelling and Virtual Reality

| | |
|---|---|
| **Intellectual Output:** | **IO2** |
| **Intellectual Output Title:** | **Creation of the "You Tell" Stories and Relevant Guide** |
| **Activity:** | **A5** |
| **Activity Title:** | **Development of "You Tell" Stories** |
| **Partner:** | **MMC** |

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix approvazzjoni tal-kontenut, li jirrifletti biss il-fehmiet tal-awturi, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.

## Coordinated by

MMC Mediterranean Management Centre

## Partners

Euro circle europe direct Provence

OMEGA TECHNOLOGY

MYTHOS Centre for the Study and Dissemination of Myths and Folktales

ΕΛΛΗΝΟΓΑΛΛΙΚΗ ΣΧΟΛΗ Jeanne d'Arc

MATER BONI CONSILII SCHOOL

Escola Sant Josep Llar d'Infants - Ed. Infantil - Ed. Primària

**Apostolos Varnavas Primary School**

| | |
|---|---|
| **Program:** | Erasmus+ |
| **Key Action:** | Cooperation for innovation and the exchange of good practices |
| **Project Title:** | Story Changers: enhancing pupils' social skills and enriching teaching methods through storytelling and virtual reality |
| **Project Acronym**: | Story Changers |
| **Project Agreement Number:** | 2020-1-CY01-KA201-066072 |
| **Project Start Date:** | 01/12/2020 |
| **Project End Date:** | 30/06/2023 |

# Indiċi tal-Kontenut

Titlu tal-Istorja ... 3
Informazzjoni Bażika dwar l-Istorja ... 3
Tema Prinċipali ... 3
Temi Sekondarji ... 3
Riżultati tat-Tagħlim ... 3
Grupp fil-Mira (Studenti) ... 3
Informazzjoni Oħra Relevanti ... 4
Referenza (jekk ir-rakkont jirreferi għal fatti reali, avvenimenti storiċi etc.) ... 4
Elementi Prinċipali tal-Istorja ... 4
Karattri Prinċipali ... 4
Sfond tal-Istorja ... 5
Sommarju ... 5
Kontenut tal-Istorja ... 5

# Titlu tal-Istorja

**Il-Vjaġġ tal-Annimali**

# Informazzjoni Bażika dwar l-Istorja

## Tema Prinċipali

Ħbiberija

## Temi Sekondarji

- Kooperazzjoni
- Rispett
- Reżiljenza

## Riżultati tat-Tagħlim

*Minn din l-istorja huwa mistenni li t-tfal jitgħallmu;*

- Jaqsmu
- Jaħfru
- Isolvu d-differenzi tagħhom b'mod amikevoli
- Jemmnu fil-ħbiberija
- Jaħsbu f'ħaddieħor
- Ikunu onesti ma' ħaddieħor
- Jaċċettaw li kull individwu huwa uniku
- Jifhmu lil ħaddieħor
- Jirrispettaw il-limiti u x-xewqat tal-oħrajn
- Jgħinu u jappoġġjaw lill-oħrajn
- Jikkollaboraw ma' ħaddieħor
- Jgħixu ma' ħaddieħor

## Grupp fil-Mira (Studenti)

- ☐ L-1 u t-2 Sena tal-Iskola Primarja
- ☐ It-3 u r-4 Sena tal-Iskola Primarja

- ☒ Il-5 u s-6 Sena tal-Iskola Primarja

## Informazzjoni Oħra Relevanti

### Referenza (jekk ir-rakkont jirreferi għal fatti reali, avvenimenti storiċi etc.)

*Ir-rakkont ġie ispirat minn din l-istorja:*

Id-Dilemma tal-Qanfud

Id-dilemma tal-qanfud hija metafora dwar l-isfidi tal-intimità umana. Tiddeskrivi sitwazzjoni li fiha grupp ta' qniefed jippruvaw joqogħdu qrib xulxin biex jaqsmu s-sħana waqt temp kiesaħ. Iżda meta jagħmlu dan, iweġġgħu lil xulxin bix-xewk tagħhom, u għalhekk iridu jibqgħu separati. Għalkemm xtaqu relazzjoni reċiproka mill-qrib, dan ma setax iseħħ minħabba raġunijiet li ma kienux fil-kontroll tagħhom. Arthur Schopenhauer ħoloq din il-metafora biex jiddeskrivi dak li kien iqisu bħala l-istat tal-individwu fir-rigward tal-oħrajn fis-soċjetà. Id-dilemma tal-qanfud tindika li minkejja r-rieda tajba, l-intimità umana ma tistax isseħħ mingħajr ħsara reċiproka sostanzjali, u dak li jirriżulta huwa mġiba kawta u relazzjonijiet dgħajfa.

Henry (2015, Virtual Reality Short Film)

Henry huwa qanfud li m'għandux ħbieb għax iħobb jgħannaq lil kulħadd. Fil-film, Henry jidher id-dar tiegħu f'għeluq sninu, imdejjaq li jinsab waħdu. Jixgħel ix-xemgħa ta' fuq il-kejk, jagħmel xewqa u jitfiha. Imbagħad grupp ta' bżieżaq f'forma ta' annimali jieħdu l-ħajja u jibdew itiru madwar il-kamra. Henry jifraħ kif jara dawn il-bżieżaq forma ta' annimali. Wieħed minnhom javviċina lil Henry u jipprova jgħannqu. Meta Henry jgħannaqha, il-bużżieqa tinfaqa. Il-bqija tal-bżieżaq, imwerwrin, joħorġu mid-dar, u jħallu lil Henry waħdu. Ftit mumenti wara, jiġu lura jġibu magħhom fekruna. Il-fekruna tgħannaq lil Henry mingħajr ma tweġġa' mix-xewk u Henry jerġa' jkun kuntent.

## Elementi Prinċipali tal-Istorja

### Karattri Prinċipali

- Qanfud
- Kastur
- Tigra
- Ħmar

- Ajkla
- Ħanżir

## Sfond tal-Istorja

- Il-Pjaneta tal-Annimali
- Il-Kontinent il-Blu
- Il-Kontinent l-Aħmar
- Il-Kontinent l-Aħdar

## Sommarju

Fuq il-Pjaneta tal-Annimali, il-Kumitat tal-Għorrief jiddeċiedi li jassenja lit-tim tal-Magħżulin biex jivvjaġġa lejn il-Kontinent l-Aħmar. Fost il-Magħżulin hemm il-qanfud, li għandu diffikultajiet biex jintegra mat-tim. Se jaċċetta l-ħbiberija tal-kastur jew se jkun waħdu waqt il-vjaġġ?

# Kontenut tal-Istorja

Illum jum kbir fuq il-Pjaneta tal-Annimali! Mas-sebħ, l-iljunfant imur fil-pjazza l-kbira bis-siġar tal-banana għas-sejħa l-kbira! Jgħolli t-tromba twila tiegħu u jagħmel ħoss kbir li jtarrax! L-annimali malajr joħorġu mill-bejtiet u d-djar tagħhom u jinġabru fil-pjazza... Kulħadd jistenna bil-ħerqa li jisma' t-tħabbira tal-Kumitat tal-Għorrief; ilhom ħafna jiem jistennewha!

Il-ħanżir, iċ-chairman tal-Kumitat tal-Għorrief, jitla' fuq il-podju. "Għeżież sħabi," jgħid, "il-Kumitat tal-Għorrief iltaqa' lejl u nhar il-ġimgħa kollha biex jiddeċiedi kif l-Istat se jsolvi l-problema li ilna niffaċċjaw. Kif tafu, il-kundizzjonijiet fil-Kontinent Blu m'għadhomx jippermettulna ngħixu fil-kumdità u s-sigurtà: il-livell tal-ilma baħar qed jogħla, l-annimali qed jimmultiplikaw u m'għadx hemm biżżejjed spazju u ikel għalina kollha. Il-Kumitat tal-Għorrief ikkunsidra li l-unika soluzzjoni kienet li xi annimali jmorru joqogħdu l-Kontinent l-Aħmar. Iżda biex isir dan, grupp magħżul irid l-ewwel imur hemm biex jipprepara l-art. Fil-jiem li għaddew, tlabna lil dawk minnkom li huma lesti li jgħixu avventura unika biex jimlew applikazzjoni. Issa dorna l-applikazzjonijiet kollha u lħaqna deċiżjoni. Lesti lkoll kemm intom sabiex tismgħu dak li ddeċidejna?"

"Iva!!!", għajtu l-annimali b'leħen wieħed.

"Tajjeb! Wasal iż-żmien li nħabbru l-ismijiet tal-Magħżulin. Għalhekk.... il-Magħżulin, li se jkunu l-ewwel li jivvjaġġaw lejn il-Kontinent l-Aħmar huma: it-tigra, il-ħmar, il-kastur, l-ajkla, u l-qanfud!"

Malli semgħu din id-deċiżjoni, xi annimali gergru b'diżappunt jew – l-aktar kodardi – ħadu r-ruħ, filwaqt li oħrajn bdew jipprotestaw: "Tal-mistħija", "Mhux sew!", "Din redikola!"

Il-ħanżir intervjena, u qal b'vuċi soda "Dawn l-annimali ġew magħżula bir-reqqa mill-Kumitat tal-Għorrief minħabba l-karatteristiċi speċjali tagħhom, li se jikkontribwixxu għat-twettiq b'suċċess tal-missjoni tal-annimali fil-Kontinent l-Aħmar".

"Qed tiċċajta hux?", ipprotesta l-iljun bil-vuċi qawwija tiegħu. "Kif tista' din il-kreatura żgħira kollha xewk u bil-geddum bil-ponta tgħin?" qal waqt li ħares mistagħġeb lejn il-qanfud.

"Il-qanfud huwa ideali għall-missjoni tagħna. Huwa annimal żgħir iżda għaqli b'qoxra tax-xewk unika, b'istint qawwi u ħafna virtujiet oħra. It-tigra ntgħażlet għall-ħeffa u l-kombattività tagħha, il-ħmar għas-saħħa u l-paċenzja tiegħu, l-ajkla għall-vista eċċellenti u l-ħiliet organizzattivi tagħha, u l-kastur għall-intelliġenza u l-galbu tiegħu. Nifhmu t-tħassib tiegħek, imma se tara li fl-aħħar mill-aħħar ħadna l-aħjar deċiżjoni għall-Magħżulin!", wieġeb il-ħanżir b'kunfidenza kbira. "Issa nitlob lill-Magħżulin kollha biex jersqu 'l quddiem!"

It-tigra, il-ħmar, l-ajkla u l-kastur ġrew b'entużjażmu lejn il-podju. Il-qanfud, min-naħa l-oħra, mexa żewġ passi 'l quddiem u waqaf. Jinsab inċert, wara li sema' l-kumment tal-iljun.

"Nifirħilkom, prosit lil kulħadd!", qal il-ħanżir lill-Magħżulin li telgħu fuq il-podju. "Aħna ċerti li intom se tagħmluna kburin! Imma kulħadd qiegħed hawn? Jidhirli li hemm xi ħadd nieqes! Aha! Fejn hu l-qanfud? Għaliex ma resaqx?"

"Ha, mhi sorpriża xejn! Qed jistaħba!", "Ejja, qanfud ċkejken, minn xiex qed tibża'?", "Qed tara? L-inklużjoni tal-qanfud mal-Magħżulin kienet ċarament żball!", saħqu l-annimali l-oħra.

Il-qanfud fl-aħħar mexa 'l quddiem bil-mod, wiċċu aħmar bil-mistħija għall-kummenti li bdew jinstemgħu.

"Merħba qanfud żgħir! Nistennew ħafna mingħandek!", il-ħanżir qal bi tbissima lill-qanfud, u lill-Magħżulin kollha qallhom, "ġibna tagħmir, mappa u ikel għalikom. Lest li titilqu?" "Lesti!" wieġbu il-Magħżulin.

Il-ħmar tgħabba bit-tagħmir u l-ikel kollu, l-ajkla bdiet ittir f'ċirku fuq il-Magħżulin iżżomm il-mappa bid-dwiefer tagħha, filwaqt li l-kumplament tal-grupp bdew iħejju biex jaqsmu l-Foresta tal-Ewkaliptu.

Kulħadd deher eċċitat ħafna! "X'avventura qed tistenniena!" stgħaġbet it-tigra. "Nistenna bil-ħerqa li nara postijiet ġodda!" qal il-ħmar. "Ninsab impazjent li nidħol fil-foresta!" qal il-kastur.

Il-qanfud biss deher skomdu u baqa' sieket. "Haw, qanfud, mhux se titkellem? Jew se tibqa' hekk matul il-vjaġġ kollu?" qaltlu l-ajkla b'daħqa għolja.

Il-qanfud ma kienx jaf kif jirreaġixxi u x'jgħid għax qatt qabel ma kien għex ma' dawn l-annimali. Huwa kien mela' l-applikazzjoni għall-avventura, iżda qatt ma ħaseb li kien se jintgħażel. "Kien żball tiegħi li applikajt! Kif se nintegra magħhom kollha issa? Dawn is-snin kollha, l-uniċi ħbieb tiegħi kienu qniefed! Veru, kultant kont nilgħab ma' xi ġrieden li kienu ħdejn l-għar tiegħi, imma dak kollox. Kont perfettament tajjeb bilqiegħda waħdi fl-għar tiegħi. Għaliex dħalt f'dan l-inkwiet kollu issa?"

L-ewwel reazzjoni istintiva tiegħu kienet li jirrombla f'ballun tax-xewk! Hu jagħmel dan kull darba li jħossu skomdu, jew meta jħossu jibża' jew jistħi.

L-annimali l-oħra kienu sorpriżi ħafna! "Dan x'inhu issa?" qalet l-ajkla. M'għandhomx idea x'ġara mill-qanfud. U kif setgħu ikunu jafu? Huma qatt ma kellhom x'jaqsmu mal-qniefed. "X'se nagħmlu b'dan il-ballun issa?" qalet it-tigra waqt li ippruvat taqbad il-qanfud. "Ouch! Ix-xewk iniggeż wisq!"

**Xi jwieġeb il-kastur?**

1. "Żgur li ma nistgħux inħalluh hawn. Nidħlu fl-inkwiet jekk isir jaf il-Kumitat tal-Għorrief. Kienu huma li għażluh. Aħjar inpoġġuh flimkien ma' l-affarijiet l-oħra tagħna fuq il-ħmar u nimxu 'l quddiem".

*Jekk jogħġbok mur fil-paġna 8*

2. "Tgħid nippruvaw inġiegħluh jinfetaħ u jgħidilna x'irid jagħmel? X'jiġri jekk bidel fehmtu u ma jridx jiġi aktar magħna?"

*Jekk jogħġbok mur paġna 10*

"Se naqbdu bid-dwiefer; Mhu se nħoss l-ebda wġigħ", qalet l-ajkla u ħatfet il-qanfud u tefatu fil-basket bl-affarijiet l-oħra tagħhom. "Issa nistgħu nitilqu!".

Għalhekk, il-Magħżulin jibdew il-vjaġġ tagħhom fil-Foresta tal-Ewkaliptu. Bdew jimxu u jimxu sakemm wasal il-lejl.

"Aħjar nieqfu għal-lum. Jien veru bil-ġuħ! Kastur, jekk jogħġbok ġib il-pranzu tagħna! Fl-aħħar wasal il-ħin li nieklu!" qalet it-tigra.

Waqt li l-ajkla tkun qed tibla' biċċa ġobon kbira, qalet "Tant jien mimlija li llejla se norqod bħal tarbija!"

"L-ikel huwa tajjeb ħafna, grazzi, għażiż kastur!" qal il-ħmar.

Fl-istess ħin, il-qanfud, li għadu mkebbeb f'ballun, jgħid bil-kwiet, mingħajr ma jinstema' mill-oħrajn: "Għandi l-ġuħ! L-oħrajn lanqas biss jiftakru li jien hawn! Jekk ninħall mill-ballun tiegħi issa, żgur li se jiddieħqu bija! Issa tard wisq... mmur norqod bil-ġuħ!"

Il-kumplament tal-Magħżulin jispiċċaw il-pranzu tagħhom u jibdew iħejju biex imorru jorqdu.

"Wasal iż-żmien tal-mistrieħ! Tajjeb ħafna li l-kastur għażiż tagħna diġà għamlilna s-sodod! Il-lejl it-tajjeb, ħbieb!" qalet l-ajkla.

"Il-lejl it-tajjeb!" wieġbu l-kumplament tal-Magħżulin, waqt li kienu mimdudin ferħana bl-istonku mimli fuq is-saqqijiet tagħhom.

Meta kulħadd raqad, il-qanfud qam u, fuq ponot subajgħ resaq lejn il-qoffa tal-ikel. Bil-moħbi huwa jaħtaf biċċa ħobż u ġobon u jiblagħhom. "Fl-aħħar, tfajt xi ħaġa fl-istonku tiegħi!" qal.

U waqt li jkun għadu jomgħod, il-kastur jaqbdu fil-fatt! "Min hemm; Aha, qbadtek! X'qed tagħmel hemm, qanfud żgħir?"

**Kif jirrispondi il-qanfud?**

1. "Jekk jogħġbok, kastur, tgħidx lill-oħrajn li rajtni! Bi tpartit nagħtik ftit miz-zokkor li nġorr fil-borża tiegħi! Ommi tatuli qabel ma tlaqt biex nużah f'każ ta' emerġenza!"

*Mur paġna 13*

2. “Jekk jogħġbok, kastur, tgħidx lill-oħrajn li rajtni niekol bil-moħbi! Ma kontx qed inħossni komdu niekol magħkom. Almenu ppruvajt ma niekolx aktar minn sehemi!”

*Mur paġna 14*

"Mhux idea ħażina. Ħallu lil xi ħadd ikellmu! Żgur li m'iniex l-aħjar annimal biex nagħmel dan!" qalet it-tigra.

"Qanfud, inħall mill-ballun tiegħek għax inkella ma nieħdukx magħna!" qal il-ħmar.

"Int trid tiddeċiedi jekk tridx tiġi, qanfud żgħir! U agħmel hekk malajr! Mhux se nkunu qed inġorru ballun żgħir tax-xewk it-triq kollha lejn il-Kontinent l-Aħmar, jekk m'għandekx il-ħsieb li tgħinna!" qalet l-ajkla.

"Ejja, qanfud ċkejken, inħall minn dak il-ballun, irriduk magħna!" qallu l-kastur, u aktar bil-kwiet, hekk kif resaq lejh – għalkemm f'distanza sigura għax l-aħħar ħaġa li xtaq kien li jitniggeż bix-xewk tiegħu! "Xi ġralek? Għaliex irrumblajt f'ballun? Verament nixtieq inkun naf kif tagħmel dan! Oħroġ u għidli!"

"Xi jrid issa? Għaliex qed jipprova jipperswadini biex noħroġ? Żgur li mhux għax jixtieqli l-ġid!" ħaseb bejnu u bejn ruħu l-qanfud waqt li jkun għadu miġbur f'ballun.

"Ejja, oħroġ! Tibżax; nieħu ħsiebek!" qallu l-kastur.

"U żgur! Naf li tridni noħroġ mill-ballun tiegħi biex tkun tista' tiddieħeq bija mal-oħrajn!" qal il-qanfud.

"Le, inwiegħdek! Oħroġ u tara kif insiru ħbieb!"

**Kif jirrispondi lill-kastur il-qanfud?**

1. "L-unika raġuni li ħa ninħall mill-ballun tiegħi, hija biss għax ġejt magħżul mill-Kumitat tal-Għorrief biex noffri l-għajnuna tiegħi!"

*Mur paġna 11*

2. "Tajjeb, se ninħall la qed titlobni nagħmel hekk! Grazzi tal-appoġġ tiegħek."

*Mur paġna 15*

Fl-aħħar, il-qanfud jinħall mill-ballun tiegħu!

“Ara naqra! Fl-aħħar rajna wiċċu! Għaliex irrumblajt f'ballun, qanfud żgħir? Jien, minn naħa tiegħi,qatt ma rajt ebda annimal ieħor jieħu din il-forma qabel!” qalet it-tigra.

“Aħna l-qniefed hekk nagħmlu kultant! Nirromblaw f’ballun u nimbottaw il-pinen tagħna ’l barra meta nkunu quddiem l-għadu jew meta nħossuna mhedda! Ir-raġuni li irrumblajt f’ballun issa hija għax ħassejtni stramb li nkun qalb annimali li ma nafx!” qal il-qanfud, jiħmar bil-mistħija.

“Mela rrumblajt f’ballun għax tibża’ minna! Haha, kemm int kodard!” qallu l-ħmar.

“Dan kollu divertenti, imma terġax tagħmilha! L-aħħar ħaġa li rridu hija li nġorru ballun tax-xewk li ma jagħmel xejn!” qalet l-ajkla.

Il-qanfud ibaxxi rasu, iħossu imbarazzat u mdejjaq minħabba dak li sema’. M’għandux għażla ħlief li jsegwi lill-kumplament tal-grupp li kien diġà beda jimxi ‘l quddiem. “Għalihom jien stramb. Żgur li jqisuni bħala piż għat-tim”, qal bejnu u bejn ruħu.

Il-Magħżulin jerħula fil-Foresta tal-Ewkaliptu sa’ ma jsir il-lejl.

“Aħjar nieqfu għal-lum. Għandi l-ġuħ! Għażiż kastur, jekk jogħġbok servilna l-pranzu”, qalet it-tigra.

"Kif se naqsmu l-ikel?" qalet l-ajkla.

“Kulħadd se jieħu sehemu skont id-daqs u l-bżonnijiet tiegħu. Jien, pereżempju, li jien kbir u nġorr l-affarijiet kollha tagħna, ma ħaqqnix porzjon kbir?” qal il-ħmar.

"Iva, hekk għandu jsir, kulħadd se jieħu dak li ħaqqu" qalet it-tigra.

"Perfett... dan ifisser li jien u int se nieħdu l-iżgħar porzjonijiet!" qal bil-kwiet il-kastur lill-qanfud. “Nibża’ li mhux se nieklu biżżejjed biex nixbgħu llum”.

Il-qanfud, iżda, mhux daqshekk inkwetat... Waqt li kienu mexjin fil-foresta, kien qed jiġbor il-frott mingħajr ma jindunaw l-oħrajn, għax dejjem baqa’ lura ferm!

**Il-qanfud jinsab f'dilemma, peress li ma jafx x'għandu jagħmel bil-frott.**

---

1. "Nista' naqsam il-frott mal-kastur li għall-inqas ipprova jkun ħabib miegħi. Aħna t-tnejn kilna l-iżgħar porzjonijiet. Meta l-oħrajn ikunu reqdin, inqajmu biex it-tnejn immorru nieklu!"

*Mur paġna 15*

---

2. "Se nżomm il-frott għalija wara kollox jien ġbartu. Jien ma nafda lil ħadd".

*Mur paġna 17*

---

“Għaliex għandi neħodlok iz-zokkor? Żommu għalik!”, qal il-kastur lill-qanfud.

"Jekk jogħġbok, ħu z-zokkor u tgħidx li qbadtni niekol bil-moħbi bil-lejl!" qallu l-qanfud.

"Imma ma rridx iz-zokkor biex ma nikxfekx!" wieġbu l-kastur.

“Tridni ntik xi ħaġa oħra? Għandi biss il-flixkun tal-ilma u lucky charm li tatni n-nanna” qallu l-qanfud iddisprat.

"Le, m'għandekx għalfejn tagħtini xi ħaġa biex ma ngħid xejn lill-oħrajn!" qallu l-kastur.

“U kif nista’ nkun ċert li ma tiżvelax lill-oħrajn li rajtni niekol bil-moħbi?” qal imħasseb il-qanfud

“Qed ngħidlek li nifhem li ħassejtek skomdu u ma ridtx tinħall mill-ballun tiegħek biex tiekol magħna. Nifhmek u għalhekk inwiegħed li ma ngħid xejn. Mhux biżżejjed?” il-kastur assigura lill-qanfud.

“Imma mingħajr ma ntik xi ħaġa?” reġa ħosbien il-qanfud.

“Kulma rrid mingħandek hu li tafda fija. Huwa l-uniku mod kif ilkoll kemm aħna nieħdu gost matul dan il-vjaġġ” irrimarka l-kastur.

“Hm, okay... Nispera li żżomm kelmtek”, qal dubjuż il-qanfud.

*Mur paġna 15*

Il-kastur iserraħlu moħħu billi qallu: "Tinkwetax, qanfud żgħir, mhu se ngħid lil ħadd! Nifhem li ħassejtek skomdu u ma ridtx toqgħod bilqiegħda tiekol magħna. Missna ndunajna li ma kontx magħna u kellna nippruvaw nipperswaduk biex tinfetaħ mill-ballun tiegħek u tiekol magħna! Jiddispjacini!"

"Grazzi, kastur, talli qed tifhimni u turini tant kompassjoni! Ninsab kuntent ħafna li naf li għandi xi ħadd fit-tim li nista' noqgħod fuqu!" wieġeb il-qanfud hekk kif ħa r-ruħ.

*Mur paġna 15*

L-għada filgħodu, il-Magħżulin kollha, inkluż il-qanfud, kielu l-kolazzjon tagħhom u ddiskutew kif se jkomplu l-vjaġġ tagħhom.

“Ninsabu qrib ħafna t-tarf tal-Foresta tal-Ewkaliptu. Minn issa ’l quddiem, jistenniena vjaġġ saħansitra aktar diffiċli. Wasal iż-żmien li naqsmu l-Oċean l-Aħdar u rridu niddeċiedu kif se nagħmlu dan. Għandna żewġ għażliet. Nistgħu nivvjaġġaw jew bid-dgħajsa jew bil-bużżieqa tal-arja sħuna. X'taħsbu? Nivvutaw dwar liema mit-tnejn nippreferu?” qalet it-tigra.

“Ma nistax nivvjaġġa bid-dgħajsa! Għax il-baħar idardarni!” ilmenta l-ħmar.

“Jiena wkoll nippreferi l-bużżieqa tal-arja sħuna mid-dgħajsa! Ma nixtieqx nidħol f’maltempata tal-baħar” qal il-kastur.

“Jien għasfur, allura naturalment nagħżel is-sema! Qed nivvota għall-bużżieqa tal-arja sħuna!” qalet l-ajkla.

“Jien ukoll nippreferi l-bużżieqa tal-arja sħuna, imma jekk nagħżlu dan naħseb li se tkun problema għall-qanfud! Ma naħsibx li nkunu għaqli li npoġġu il-qanfud f'bużżieqa mimlija bl-arja! Aħsbu ftit dwar dan: il-qanfud isir ballun tax-xewk, ikun hemm turbulanza, il-qanfud jgħola u l-bużżieqa tal-arja sħuna tagħna tisplodi bix-xewk tiegħu!” qalet it-tigra.

“Iva! Hemm ir-riskju li l-bużżieqa tal-arja sħuna tagħna tinfaqa’!” l-ajkla qablet mat-tigra.

“Iva, imma jekk immorru bid-dgħajsa, kif se jiġi magħna l-ħmar li l-baħar jgħamillu d-deni?” qal il-kastur.

“Huwa importanti ħafna għalina li l-ħmar iħossu tajjeb, għax għandu rwol importanti fit-tim, peress li qed iġorr l-affarijiet kollha tagħna! M’għandniex għażla ħlief li mmorru bil-bużżieqa tal-arja sħuna li jippreferi l-ħmar!” qalet it-tigra.

"U xi ngħidu dwar il-qanfud?" staqsa l-ħmar.

Kulħadd idur lejn il-qanfud. Il-qanfud jikkomporta ruħu u jgħid "Tinkwetawx, għandi soluzzjoni għalikom: nista' mmur bid-dgħajsa waħdi, la qed tibżgħu li jien niġi bil-bużżieqa tal-arja sħuna!".

Il-kastur jintervjeni u jgħid: “Mhux se nħallik tmur waħdek bid-dgħajsa, niġi miegħek jien!”

**Kif jirrispondi l-qanfud?**

1. "Grazzi tal-offerta, kastur, imma nippreferi mmur waħdi!" u bil-kwiet żid "Ninsab ċert li l-kastur offra li jgħinni sabiex jidher sabiħ mal-oħrajn u għax ma jridx iħallini nuri li nista' nagħmel dan kollu waħdi!"

*Mur paġna 19*

2. "Grazzi tal-offerta, kastur! Inkun kuntent ħafna jekk tiġi miegħi; dejjem jekk l-oħrajn ma jsibu l-ebda oġġezzjoni".

*Mur paġna 21*

L-għada filgħodu, il-Magħżulin kollha, inkluż il-qanfud, kielu l-kolazzjon tagħhom u ddiskutew kif se jkomplu l-vjaġġ tagħhom.

"Ninsabu qrib ħafna t-tarf tal-Foresta tal-Ewkaliptu. Minn issa 'l quddiem, jistenniena vjaġġ saħansitra aktar diffiċli. Wasal iż-żmien li naqsmu l-Oċean l-Aħdar u rridu niddeċiedu kif se nagħmlu dan. Għandna żewġ għażliet. Nistgħu nivvjaġġaw jew bid-dgħajsa jew bil-bużżieqa tal-arja sħuna. X'taħsbu? Nivvutaw dwar liema mit-tnejn nippreferu?" qalet it-tigra.

"Ma nistax nivvjaġġa bid-dgħajsa! Għax il-baħar idardarni!" ilmenta l-ħmar.

"Jiena wkoll nippreferi l-bużżieqa tal-arja sħuna mid-dgħajsa! Ma nixtieqx nidħol f'maltempata tal-baħar" qal il-kastur.

"Jien għasfur, allura naturalment nagħżel is-sema! Qed nivvota għall-bużżieqa tal-arja sħuna!" qalet l-ajkla.

"Jien ukoll nippreferi l-bużżieqa tal-arja sħuna, imma jekk nagħżlu dan naħseb li se tkun problema għall-qanfud! Ma naħsibx li nkunu għaqlin li npoġġu il-qanfud f'bużżieqa mimlija bl-arja! Aħsbu ftit dwar dan: il-qanfud isir ballun tax-xewk, ikun hemm turbulanza, il-qanfud jgħola u l-bużżieqa tal-arja sħuna tagħna tisplodi bix-xewk tiegħu!" qalet it-tigra.

"Iva! Hemm ir-riskju li l-bużżieqa tal-arja sħuna tagħna tinfaqa'!" l-ajkla qablet mat-tigra.

"Iva, imma jekk immorru bid-dgħajsa, kif se jiġi magħna l-ħmar li l-baħar jgħamillu d-deni?" qal il-kastur.

"Huwa importanti ħafna għalina li l-ħmar iħossu tajjeb, għax għandu rwol importanti fit-tim, peress li qed iġorr l-affarijiet kollha tagħna! M'għandniex għażla ħlief li mmorru bil-bużżieqa tal-arja sħuna li jippreferi l-ħmar!" qalet it-tigra.

"U xi ngħidu dwar il-qanfud?" staqsa l-ħmar.

Kulħadd idur lejn il-qanfud. Il-qanfud jikkomporta ruħu u jgħid "Tinkwetawx, għandi soluzzjoni għalikom: nista' mmur bid-dgħajsa waħdi, la qed tibżgħu li jien niġi bil-bużżieqa tal-arja sħuna!".

Il-ħmar intervjena u qal: “Ma jkunx aħjar jekk xi ħadd ieħor jivvjaġġa bid-dgħajsa mal-qanfud?”

“Imma mhux se jkun kompletament waħdu, se jkun mal-gawwija li ssuq id-dgħajsa. Sakemm, ovvjament, wieħed minnkom ma jridx jakkumpanjah. Jien ser nieħu l-bużżieqa tal-arja sħuna” qalet it-tigra.

“Jien nista' mmur mal-qanfud, imma jidhirli li ma tantx għandu pjaċir bil-kumpanija tiegħi”, qal il-kastur iħares lejn il-qanfud b'skuntentizza.

**Kif jirrispondi l-qanfud?**

1. “Mhux li ma nieħux gost bil-kumpanija tiegħek, sempliċiment ma rridx inkun ta' piż! Jekk l-oħrajn jaqblu, tista' tiġi miegħi”.

*Mur paġna 21*

2. " Il-verità hi li nippreferi mmur waħdi. Se jkolli l-gawwija bħala kumpanija" u minn taħt l-ilsien qal "M'għandix bżonn il-kastur, dan huwa ċ-ċans tiegħi li nurihom li nista' nagħmilha waħdi!"

*Mur paġna 19*

"Kif tixtieq, għażiż qanfud! La li trid tkun waħdek, mhux problema! Trid timxi fid-direzzjoni tax-xemx tielgħa biex tilħaq il-port iż-żgħir. Hemmhekk, tiltaqa' mal-gawwija li se tieħdok bid-dgħajsa lejn il-Kontinent l-Aħmar. Niltaqgħu miegħek fuq il-Kontinent l-Aħmar! Il-vjaġġ it-tajjeb", qalet it-tigra lill-qanfud, u daret lejn il-Magħżulin l-oħra, "l-oħrajn, jekk jogħġobkom segwuni sal-fetħa! Ħa nirkbu l-bużżieqa tal-arja sħuna minn hemm!"

"Addio, narakom fuq il-Kontinent l-Aħmar", wieġeb il-qanfud.

Il-Magħżulin jimxu lejn il-fetħa, filwaqt li l-qanfud imur waħdu lejn il-port iż-żgħir. Hemmhekk, tilqgħu l-gawwija: "Merħba, qanfud żgħir! Int wieħed mill-Magħżulin? Irċevejt messaġġ mill-Kumitat tal-Għorrief li qalli biex inkun lesta inġorr lill-Magħżulin lejn il-Kontinent l-Aħmar tul l-Oċean l-Aħdar".

"Iva, jien wieħed mill-Magħżulin, imma jien l-uniku wieħed li qed nivvjaġġa bid-dgħajsa. Il-bqija se jivvjaġġaw bil-bużżieqa tal-arja sħuna. Se nerġa' niltaqa' magħhom kollha fuq il-Kontinent l-Aħmar", wieġeb il-qanfud.

"Hm, stramba li ħallewk waħdek. Il-vjaġġ fil-baħar huwa eċċitanti, iżda twil u diffiċli. Nispera li int kuraġġuż! Imma ejja ma naħlux aktar ħin; tlaqna!" tgħid il-gawwija u terħilha lejn id-dgħajsa.

Il-gawwija tieħu t-tmun, filwaqt li l-qanfud joqgħod fuq il-poppa tad-dgħajsa u jħares lejn l-orizzont. Hemm silenzju perfett u l-qanfud huwa mitluf fil-ħsibijiet tiegħu, "Għamilt żball meta rrifjutajt l-offerta tal-kastur? Kif se jkun il-vjaġġ issa li qiegħed waħdi? Tgħid ikun aħjar jekk nitlob lill-gawwija biex teħodni lura l-port?"

Il-gawwija tinduna li l-qanfud jidher inkwetat u tistaqsih "Ġralek xi ħaġa? Għaliex int daqshekk kwiet u preokkupat?"

"Xejn. Qed naħseb biss x'se nagħmel meta nasal il-Kontinent l-Aħmar", wieġeb il-qanfud, għax ma ridx juri lill-gawwija li beda jkollu dubji jekk kienx ħa d-deċiżjoni t-tajba. "Ma rridx li l-gawwija taħseb fija bħala annimal dgħajjef! Jiena wieħed mill-Magħżulin wara kollox!"

"Tajjeb, imma jekk trid titkellem dwar dak li qed jinkwetak, hawn jien! Jista' jkun li ma jkolliex ħin għal diskussjonijiet twal, peress li rrid inkun iffukat biex inwasslek b'mod sikur sal-Kontinent l-Aħmar, imma nista' ngħinek jekk għandek bżonn", assigurat il-gawwija lill-qanfud.

"Grazzi, imma m'għandi xejn", wieġeb il-qanfud.

“Ħares lejn il-lemin tiegħek, issa għaddejjin minn ħdejn il-Gżejjer tal-Orkidej Ġganti! Qed tara xi ġmiel ta' veduta?” qaltlu l-gawwija.

“Illa xi ġmiel!” stagħġeb il-qanfud.

“Stenna sakemm ngħaddu minn ħdejn il-Gżira tal-Pappagalli; imbagħad tkun aktar mistagħġeb”, tippreparah il-gawwija.

“Ħadd mhu se jemminni meta ngħidilhom dak li rajt waqt il-vjaġġ fuq il-baħar!” qered il qanfud.

“Dik hi l-problema meta tivvjaġġa waħdek, qanfud żgħir: m'għandekx ma min taqsam il-ferħ u l-esperjenzi tiegħek!”, wieġbet il-gawwija.

"M'għandix għalfejn naqsam il-ferħ tiegħi, aħjar għax inżommu kollu għalija!".

"Kif trid, nittama li għandek raġun".

Il-kliem tal-gawwija, iżda, baqa jberren f'moħħ il-qanfud, “Kelli naċċettaha l-offerta tal-kastur? Il-gawwija jista' jkollha raġun li l-ferħ ikun akbar meta jinqasam. Imma l-kastur kien onest? Verament ried jiġi miegħi jew offra li jiġi sempliċiment għax kien jaf li se nirrifjuta? Jew għax ried jidher tajjeb u kuraġġuż mal-oħrajn? Tgħid x'qed jagħmlu l-oħrajn hemm fuq”.

Wara ftit, jgħaddu minn ħdejn il-Gżira tal-Pappagalli. “Tixtieq li nersaq eqreb biex tkun tista' tinżel u timxi fuq il-gżira? Hija opportunità unika għalik li tara xi ħaġa inkredibbli!” qalet il-gawwija lill-qanfud.

**X'jirrispondi l-qanfud?**

1. “Iva, nixtieq! Hija opportunità kbira għalija li mmur esplorazzjoni avventuruża waħdi!”

*Mur paġna 24*

2. “Iva, nixtieq! Trid tiġi miegħi? Kif għidt int stess, l-esperjenzi huma isbaħ meta taqsamhom!”

*Mur paġna 23*

"Perfett se tkunu flimkien! Issa għażiż qanfud, għażiż kastur morru fid-direzzjoni tax-xemx tielgħa biex taslu l-port iż-żgħir. Hemmhekk, tiltaqgħu' mal-gawwija li se teħodkom bid-dgħajsa lejn il-Kontinent l-Aħmar. Niltaqgħu hemmhekk! Il-vjaġġ it-tajjeb", qalet it-tigra lill-qanfud u l-kastur, u daret lejn il-Magħżulin l-oħra, "l-oħrajn, jekk jogħġobkom segwuni sal-fetħa! Ħa nirkbu l-bużżieqa tal-arja sħuna minn hemm!"

"Addio, narawkom fuq il-Kontinent l-Aħmar", wieġbu l-qanfud u l-kastur.

Il-Magħżulin jimxu lejn il-fetħa, filwaqt li l-qanfud flimkien mal-kastur imorru lejn il-port iż-żgħir. Hemmhekk, tilqagħhom il-gawwija: "Merħba, intom il-Magħżulin? Irċevejt messaġġ mill-Kumitat tal-Għorrief li qalli biex inkun lesta nġorr lill-Magħżulin lejn il-Kontinent l-Aħmar tul l-Oċean l-Aħdar".

"Iva, niffurmaw parti mill-Magħżulin, imma aħna t-tnejn biss se nivjaġġaw bid-dgħajsa. Il-bqija se jivvjaġġaw bil-bużżieqa tal-arja sħuna. Niltaqgħu mal-oħrajn fuq il-Kontinent l-Aħmar", wieġeb il-kastur.

"Okay! Tlaqna mela!" qalet il-gawwija u erħewla lejn id-dgħajsa.

U hekk, il-qanfud, il-kastur u l-gawwija bdew il-vjaġġ tagħhom bil-baħar.

Il-gawwija tieħu t-tmun, filwaqt li l-qanfud u l-kastur qegħdin bilqiegħda fuq il-poppa tad-dgħajsa u qed iħarsu lejn l-orizzont, jitkellmu dwar l-avventura kbira li kienet qed tistennihom. Il-kastur jgħid b'entużjażmu "Smajt li hemm postijiet ta' sbuħija inkredibbli fit-triq lejn il-Kontinent l-Aħmar! Ninsab ħerqan li nara l-Gżejjer tal-Orkidej Ġganti!"

"Kif taf dan kollu? Mela diġà vvjaġġajt fl-Oċean Aħdar?" staqsa l-qanfud lill-kastur.

"Le, imma għandi ħafna ħbieb li vvjaġġaw tul l-Oċean l-Aħdar! Qattajt ħafna nofstanhari nimxi u nitkellem ma' sħabi dwar l-Oċean l-Aħdar, il-Kontinent l-Aħmar, il-Muntanja tat-Tentux, ix-Xmara Vjola... Tista' titgħallem ħafna affarijiet minn sħabek meta jkunu fil-burdata li jaqsmu dak li jafu u dak li esperjenzaw! Meta kont nisma' l-istejjer tagħhom, kien bħallikieku għext magħhom dak kollu li tkellmu dwaru! Jiġri mmur lura l-Kontinent Blu biex ngħidilhom kollox dwar din l-avventura", qal il-kastur lill-qanfud li kien qed jisma' b'ammirazzjoni.

Kwalunkwe mument issa, ħbieb tiegħi, se ngħaddu minn ħdejn il-Gżejjer tal-Orkidej Ġganti! Ippreparaw ruħkom biex tiskantaw b'dak li se taraw!" qalet il-gawwija li semgħet il-konverżazzjoni taż-żewġ membri tal-Magħżulin.

U f'daqqa waħda, jidhru quddiemhom żewġ gżejjer, kollha ħodor b'muntanji għoljin, mimlija b'orkidej ġganti bojod, vjola u oranġjo! Il-qanfud u l-kastur qegħdin bil-wieqfa fuq il-pruwa tad-dgħajsa, jammiraw il-veduta! Dak li kienu qed jaraw qatt ma kienu raw bħalu f'ħajjithom!

"Se nersaq eqreb sabiex tkunu tistgħu tieħdu dehra aħjar ta' dan l-ispettaklu!" qalet il-gawwija.

Il-qanfud u l-kastur huma mgħaġġbin b'dak li qed jaraw u ma setgħux jieqfu jitkellmu dwaru.

"Stennew sakemm taraw l-Gżira tal-Pappagalli! Se ngħaddu minn bosta postijiet sbieħ fi triqitna lejn il-Kontinent l-Aħmar! Nispera li jogħġbukom!" irrimarkat il-gawwija, kuntenta li ż-żewġ Magħżulin kienu qed igawdu l-vjaġġ tagħhom.

Ftit minuti wara, jgħaddu minn ħdejn il-Gżira tal-Pappagalli. "Tixtiequ nersaq eqreb lejn il-Gżira biex tkunu tistgħu tinżlu mid-dgħajsa? Din hija opportunità unika biex taraw post daqshekk sabiħ" issuġġerixxiet il-gawwija lill-qanfud u lill-kastur.

"Iva, nixtiequ nagħmlu hekk!" wieġbu.

*Mur paġna 26*

Il-gawwija wieġbet "Ninsab ferħana ħafna li ħsibt dwar l-affarijiet li għedtlek u bdilt fehmtek! Nixtieq naqsam din l-esperjenza miegħek, imma sfortunatament ma nistax inħalli d-dgħajsa. Imma jien żort il-Gżira tal-Pappagalli ħafna drabi u nista' nagħtik xi istruzzjonijiet dwar kif tinnaviga. Allura, ikollok taqsam iż-żona bis-siġar tal-felċi u tibqa timxi sakemm tasal l-għadira bil-ġilji tal-ilma. Minn hemm, tista' tmur għall-wesgħa, fejn tista' tara xi skulturi strambi u sbieħ magħmula mill-woodpeckers. Nissuġġerixxi li ma tmurx 'l bogħod wisq, ma jmurx tintilef u ma nkunux nistgħu nkomplu bil-vjaġġ tagħna. Ħu gost, narak dalwaqt!"

*Mur paġna 24*

Il-qanfud jinżel mid-dgħajsa u jimxi waħdu fuq il-Gżira tal-Pappagalli. Il-veduta hija msaħħra! Nixxiegħat, xmajjar, siġar ġganti bi friegħi li jiffurmaw forom ikkumplikati, fjuri li jiftħu u jagħlqu l-petali tagħhom malli tersaq lejhom! Il-qanfud jimxi fost il-felċi u kull tip ta' pjanti eżotiċi sakemm jasal max-xatt ta' għadira b'ilma ħadrani blu mimlija ġilji tal-ilma. "Kemm ikun sabiħ kieku nista' naqsamha! Aha! Hawn dgħajsa! Imma kif se jirnexxieli nidħol u nħoll il-ħabel? Għandi bżonn lil xi ħadd ieħor biex jgħinni! Ħasra li jien waħdi!" jgħid il-qanfud iddiżappuntat.

Ikompli jimxi fil-foresta, sakemm jasal fil-wesgħa bl-iskulturi tal-woodpeckers. Imma... x'hemm aktar? Jidher qisu bużżieqa kbira kkulurita tal-arja sħuna! U... min hemm ġewwa? Ah! l-Magħżulin!

"Haw ħbieb! Jien, il-qanfud! X'qed tagħmlu hawn?" għajjat il-qanfud b'entużjażmu, hekk kif ġera lejhom. "Ara! Il-qanfud żgħir! Konna qed intiru fuq il-Gżira tal-Pappagalli u ddeċidejna li nagħmlu waqfa biex naraw il-post, għax minn hemm fuq kienet tidher sabiħa! Kif qiegħed hawn? Kif inhu l-vjaġġ fuq il-baħar?" il-kastur staqsa lill-qanfud.

"Jien ukoll nżilt mid-dgħajsa biex nara l-post! Il-vjaġġ fuq il-baħar huwa sabiħ. Imma daqsxejn solitarju..." wieġeb il-qanfud.

"Jekk trid, nista' nkompli l-vjaġġ miegħek biex ma tkunx waħdek!" issuġġerixxa l-kastur.

"Ħa! Qed tara? Għidtlek li l-qanfud ma setax jibqa' waħdu!", qalet l-ajkla.

"Naħseb imwerwer li qiegħed fuq id-dgħajsa waħdu mal-gawwija! Imħatra li qed joqgħod l-ħin kollu rrumblat f'ballun!" qalet it-tigra.

"Għaliex qed tgħid dawn l-affarijiet dwar il-qanfud? Żgur li mhux kodard. Kien hu li offra li jivvjaġġa bid-dgħajsa waħdu biex ma jpoġġix fil-periklu lill-kumplament tat-tim. Huwa biss jeħtieġ ftit ħin biex jintegra ma' annimali li ma jafx. Huwa għalhekk li rrombla f'ballun id-darba l-oħra. Ejja nagħtuh iċ-ċans u nsiru nafuh aħjar! U wara kollox, ilkoll bżajna kemm-il darba waqt it-titjira bil-bużżieqa!" u, dar lejn il-qanfud, "Qanfud, ħabib tiegħi, tassew, nixtieq nivvjaġġa miegħek bid-dgħajsa, dejjem jekk trid".

**Kif irreaġixxa l-qanfud?**

1. "Iva, kastur, nixtieq li tiġi miegħi fuq id-dgħajsa. Il-vjaġġ żgur li jkun isbaħ jekk nagħmlu ma' ħabib, anke jekk l-oħrajn isejħuli kodard"

*Mur paġna 29*

2 "Grazzi, kastur, imma nippreferi nibqa' waħdi. Tassew, ma nibżax li nkun waħdi fuq id-dgħajsa. Fil-fatt, ma sirtx ballun lanqas darba matul il-vjaġġ! Staqsi lill-gawwija jekk ma temminix!"

*Mur paġna 28*

Il-qanfud u l-kastur jinżlu mid-dgħajsa fuq il-Gżira tal-Pappagalli. Il-veduta hija msaħħra! Xniegħat, xmajjar, siġar ġganti bi frieghi li jiffurmaw forom kumplikati, fjuri li jiftħu u jagħlqu l-petali tagħhom malli tersaq lejhom! Il-qanfud u l-kastur jimxu fost il-felċi u kull tip ta' pjanti eżotiċi sakemm jaslu fix-xatt ta' għadira b'kulur blu-ħadrani mimlija ġilji tal-ilma. Hemmhekk isibu dgħajsa żgħira. Il-qanfud jaqbeż fid-dgħajsa l-ewwel. Il-kastur iħoll il-ħabel tad-dgħajsa u jaqbeż ġewwa huwa wkoll!

Jaqsmu l-lag bil-ġilji tal-ilma u jaslu x-xatt l-ieħor, fejn isibu il-wesgħa bl-iskulturi tal-woodpeckers. Imma... x'hemm aktar? Jidher qisu bużżieqa kbira u kkulurita tal-arja sħuna! U... min hemm ġewwa? Ah! l-Magħżulin!

"Haw ħbieb! Aħna, il-kastur u l-qanfud! X'qed tagħmlu hawn?" il-kastur għajjat b'entużjażmu, jiġri lejhom.

"Ara, il-qanfud żgħir u l-kastur! Konna qed intiru fuq il-Gżira tal-Pappagalli u ddeċidejna li nagħmlu waqfa biex naraw il-post, għax deher sabiħ minn hemm fuq! Kif qiegħdin hawn? Kif inhu l-vjaġġ fuq il-baħar?" staqsa l-ħmar.

"Aħna wkoll waqafna hawn biex naraw il-post! Il-vjaġġ fuq il-baħar huwa sabiħ. Tajjeb ħafna li għandna lil xulxin", qal il-kastur.

"Kien veru ġest sabiħ li tmur mal-qanfud bid-dgħajsa; konna qed ngħidu li l-qanfud ma setax jitħalla waħdu fuq id-dgħajsa lanqas għal mument wieħed!" qalet l-ajkla.

"Veru, kien jitwerwer! Imħatra li kien jitkebbeb f'ballun kieku kien waħdu mal-gawwija fuq id-dgħajsa!" qalet it-tigra.

"Għaliex tgħid dawn l-affarijiet dwar il-qanfud? Int żbaljat! Żgur li mhux kodard. Kien hu li offra li jivvjaġġa waħdu bid-dgħajsa biex ma jpoġġix fil-periklu lill-kumplament tat-tim. Jeħtieġ biss ftit ħin biex jintegra ma' annimali li ma jafx. Għalhekk rrombla f'ballun dakinhar. Ejja nagħtuh iċ-ċans li jsir jafna aħjar! Ma bżajtux waqt it-titjira bil-bużżieqa?" qal il-kastur, b'appoġġ għall-qanfud.

"Tajjeb, allura ħallih jibqa' għall-bqija tal-vjaġġ fuq id-dgħajsa waħdu. Ejja naraw jekk hux kapaċi joqgħod. Xi tgħid, qanfud żgħir? Lest li tivvjaġġa waħdek?" qaltlu t-tigra.

"Qanfud, tagħtix kashom, m'għandek xejn x'tipprovalhom! Mhux se nħallik waħdek fuq id-dgħajsa!" wieġeb b'mod deċiżiv il-kastur.

**Kif jirreaġixxi l-qanfud?**

1. "Grazzi, kastur, talli appoġġajtni u emmint fija, imma forsi wasal iż-żmien li nivvjaġġa waħdi. S'issa qattajna żmien sabiħ imma l-verità hi li m'għandix bżonnok biex nasal il-Kontinent l-Aħmar. Nista' nasal waħdi".

*Mur paġna 28*

2. "Grazzi, kastur, talli appoġġajtni u emmint fija. Irrid li tiġi bid-dgħajsa miegħi. Il-vjaġġ ikun aktar sabiħ jekk naqsmu ma' ħabib, anke jekk l-oħrajn isejħuli kodard".

*Mur paġna 29*

Il-qanfud ikompli l-vjaġġ fuq id-dgħajsa waħdu, akkumpanjat biss mill-gawwija, u dan biss meta din tal-aħħar tinżel mill-arblu biex tistrieħ. Jgħaddu minn postijiet sbieħ, uniċi, iżda wkoll perikolużi. Bil-lejl, meta jkun hemm il-kesħa u l-maltemp u l-qanfud iħoss l-bard u l-biża', il-gawwija kienet tipprova tgħannqu biex tipproteġih u jżomm sħun, iżda kienet dejjem tinġibed lura għax ix-xewk tal-qanfud iniggiżha u joħroġilha d-demm. Xi drabi, il-qanfud kien jistaqsi lilu nnifsu kif kien ikun il-vjaġġ li kieku aċċetta l-offerta tal-kastur li jiġi miegħu u kien jiddispjaċih li webbes rasu. Imma issa kien tard wisq. Qatta' l-ġranet u l-iljieli waħdu, kwiet fuq il-baħar, sakemm wasal fil-Kontinent l-Aħmar. Hekk kif jinżel fil-Kontinent l-Aħmar, jara lill-Magħżulin, bilqiegħda lkoll flimkien fuq il-bajja, kollha ferrieħa, jiddiskutu u jidħku.

**TMIEM**

Il-qanfud u l-kastur jitilgħu fuq id-dgħajsa flimkien u jkomplu l-vjaġġ lejn il-Kontinent l-Aħmar. Jgħaddu minn postijiet sbieħ, uniċi, iżda wkoll perikolużi. Fl-iljieli, meta jkun hemm il-kesħa u l-maltemp u l-qanfud iħoss il-bard u jibża', il-kastur jgħannqu, għalkemm ix-xewk tal-qanfud iniggżuh. Filwaqt li ż-żewġ Magħżulin iqattgħu l-ġranet u l-iljieli tagħhom fuq il-baħar, il-ġilda tenera taħt ix-xagħar artab tal-kastur issir aktar iebsa bil-melħ u mix-xemx, sakemm ma tibqax tweġġa' meta jgħannaq lil sieħbu. U għalhekk, iż-żewġt iħbieb, mgħannqin flimkien, ferħanin, mimlijin esperjenzi, wara li jkunu wettqu l-missjoni tagħhom, jirfsu għall-ewwel darba fuq il-Kontinent l-Aħmar.

**TMIEM**